MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tas-26 ta' Jannar, 2011

Citazzjoni Numru. 182/2010

**Matthew Mercieca *sive* Mercieca Balbi**

**-vs-**

**Direttur tar-Reġistru Pubbliku**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors ġuramentat ippreżentat fil-25 ta' Frar 2010 li permezz tiegħu l-attur ppremetta:

Illi r-rikorrenti ġie rreġistrat fl-Atti tat-Twelid Numru 0024763 (kopja tagħha hawn annessa u mmarkata bħala Dok MMB 1) taħt il-kunjom "Mercieca";

Illi fil-fatt il-kunjom tal-familja tar-rikorrenti hu magħruf bħala "Mercieca Balbi", u dan japplika wkoll għar-rikorrenti li kien minn dejjem u konsistentement magħruf mill-

familjari, qraba u ħbieb tiegħu, bil-kunjom “Mercieca Balbi”;

Illi l-fatt li r-rikorrenti kien minn dejjem magħruf bħala “Mercieca Balbi” sa minn mindu kien l-iskola jixhduh diversi dokumenti hawn annessi u mmarkati bħala Dok MMB 2 sa Dok MMB 27. Hawn annessi wkoll dokumenti mmarkati bħala Dok MMb 28 sa Dok MMB 36 li jixhdu l-fatt li missier l-esponenti kif ukoll in-nannu tal-esponenti (Dok MMb 37 sa Dok MMB 40) kienu (u fil-każ tal-missier għadu) magħrufin bħala “Mercieca Balbi”

Illi għal dawn ir-raġunijiet ir-rikorrenti jixtieq illi l-Att tat-Twelid Numru 0024763 jiġi korrett sabiex jirrifletti dan l-istat ta’ fatt;

Jgħid għalhekk il-konvenut għaliex dina l-Onorabbli Qorti m’għandhiex:

1. Tordna l-korrezzjoni tal-Att tat-Twelid tar-rikorrenti Matthew Mercieca numru progressiv ta’ reġistrazzjoni *zero zero* tnejn erbgħa sebgħa sitta tlieta (0024763) sabiex fil-kolonna fejn hemm indikat il-kunjom tar-rikorrenti bħala “Mercieca” jiġi miżjud il-kunjom “Balbi” biex kunjom esponenti jiġi ndikat bħala “Mercieca Balbi”.

2. Tordna li din il-korrezzjoni tiġi riflessa f’kull att tal-istat ċivili relattiv għar-rikorrenti.

Bl-ispejjeż kontra l-konvenut li jibqa’ minn issa nġunt għas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-attur u l-lista tax-xhieda.

Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenut, ppreżentata fis-17 ta’ Marzu 2010, li permezz tagħha eċċepixxa:

1. Illi fl-ewwel lok huwa meħtieġ li talanqas ħmistax-il ġurnata qabel is-smigħ tal-kawża ssir id-debita pubblikazzjoni fil-Gażżetta tal-Gvern *ai termini* tal-Artikolu 254 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta’ Malta;

2. Illi *in limine litis* ukoll ir-rikorrenti għandu jispeċifika taħt liema artikolu tal-liġi huwa qiegħed isejjes l-azzjoni tiegħu ħalli b'hekk l-esponenti jkun f'qagħda aħjar li jkun jista' jwieġeb. Kwindi f'dawn iċ-ċirkostanzi l-esponenti bil-permess ta' din l-Onorabbli Qorti umilment qiegħed jirriżerva u jżomm sħiħ id-dritt tiegħu li jressaq eċċezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-każ u dan wara li r-rikorrenti jindika taħt liema dispożizzjoni tal-liġi hu qiegħed jesperixxi l-proċeduri stanti;

3. Illi madankollu mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-esponent umilment jirrileva li ma jirriżultax mid-dikjarazzjonijiet maħlufa tar-rikorrenti u mid-dokumenti li ġew mehmuża flimkien mar-rikors ġuramentat li fid-data ta' reġistrazzjoni tal-Att tat-Twelid numru 434 tas-sena 1986 kien effettivament sar xi żball jew saret xi ommissjoni. Għalhekk ġaladarba ma kien sar l-ebda żball jew ommissjoni jsegwi li l-ebda korrezzjoni, tiswija jew żieda ta' kunjom ieħor ma tista' tiġi effetwata lill-imsemmi att tal-istat ċivili skont id-dettami tal-Artikolu 253 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

4. Illi bla ħsara għal fuq espost l-ewwel talba tar-rikorrenti hija wkoll insostenibbli *stante* li l-Att tat-twelid oriġinali ta' Matthew Mercieca bin-numru progressiv 434/1986 (Dok DRP 1) ma jipprovdi l-ebda kolonna, intestatura jew spazju tal-ebda tip fejn jista' jiġi nserit il-kunjom tat-tarbija;

5. Illi djjem mingħajr preġudizzju għas-sueċċepit l-esponenti bid-dovut rispett ma jistax lanqas jifhem kif ir-rikorrenti seta' qatt jippretendi li jżid il-kunjom ***Balbi*** wara l-kunjom ***Mercieca*** meta la huwa applikabbli għal każ tiegħu l-Artikolu 4 (3) tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta u <u>aktar u aktar meta</u> wara riċerka approfondita li ġiet mwettqa mill-esponenti ħareġ li:-

i. Il-ġenituri tar-rikorrenti ossia Pierre Mercieca u Anna Mercieca nèe Zammit ma kellhomx il-kunjom Balbi la bħala kunjom primarju lanqas bħala kunjom sekondarju (Ara d-Dok DRP 1);

ii. In-nanniet paterni tar-rikorrenti li huma Francis Mercieca u Vincenza *sive* Vivian Mercieca nèe Zammit Farrugia wkoll ma kellhomx il-kunjom Balbi la bħala kunjom primarju u lanqas bħala kunjom sekondarju – kif jirriżulta mill-Att tat-Twelid ta’ missier ir-rikorrenti li jġib in-numru progressiv 4332 tas-sena 1959 (Dok DRP 2);

iii. In-nanniet materni ossia Lawrence Zammit u Maria Zammit nèe Fenech ukoll ma kellhomx il-kunjom Balbi la bħala kunjom primarju u lanqas bħala kunjom sekondarju – kif jirriżulta mill-Att tat-Twelid ta’ omm ir-rikorrenti li jġib numru progressiv 1994 tas-sena 1959 (Dok DRP 3); u

iv. Fl-aħħar nett lanqas il-buż-nanniet tar-rikorrenti ossia Antonio Mercieca u Maria Formosa u Robert Zammit Farrugia u Josephine Bezzina ma kellhomx il-kunjom Balbi la bħala kunjom primarju u lanqas bħala kunjom sekondarju – kif jirriżulta mill-Att taż-Żwieġ tan-nanniet tar-rikorrenti li jġib in-numru progressiv 361 tas-sena 1953 (Dok DRP 4);

Għalhekk l-esponenti bid-dovut rispett ma jistax jifhem minn fejn seta’ ġie dan il-kunjom ***Balbi***;

6. Illi bla ħsara għal dak fuq imsemmi, sabiex tintlaqa’ t-tieni talba tar-rikorrenti huwa għandu jispeċifika *ai termini* tal-Artikolu 253 (3) tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta’ Malta n-numru u s-sena relattivi tal-atti tal-istat ċivili li għalihom qiegħed jagħmel referenza;

7. Illi finalment mingħajr ħsara għall-premess l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe każ l-azzjoni tar-rikorrenti mhijex attribwibbli għal xi għemil da parti tal-esponenti u għalhekk huwa m’għandux jiġi assoġġettat għall-ispejjeż tal-kawża istanti;

8. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti li qiegħed jiġi nġunt in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-konvenut u l-lista tax-xhieda.

Rat l-atti proċesswali.

Rat il-verbal tas-seduta tal-1 ta’ Diċembru 2010 illi permezz tiegħu l-kawża tħalliet għas-sentenza ;

Ikkunsidrat;

Illi din il-kawża hija msejjsa fuq l-Artikoli 253 *et sequitur* tal-Kodiċi Ċivili li jipprovdi rimedju għal persuna li tirriskontra żball fl-att tat-twelid tagħha kif ukoll biex persuna titlob reġistrazzjoni ta’ isem li bih tkun magħrufa għall-familja tagħha.

Illi f’din il-kawża huwa ċar li l-attur qed jagħmel it-talba tiegħu a bażi tal-Artikolu 253 (2) għaliex ma hemm ebda żball *ut sic* fl-att tat-tweild tiegħu. Fil-fatt fl-istess rikors promotur huwa jgħid illi l-kunjom tal-familja tiegħu huwa Mercieca Balbi u huwa dejjem kien magħruf b’dan il-kunjom. Id-dokumenti esebiti minnu ma jħallu ebda dubju dwar dan.

Illi madankollu l-konvenut qed jeċċepixxi li mid-dokumenti esebiti ma jirriżultax li kien hemm xi żball jew omissjoni fl-att tat-twelid tal-attur, li l-att tat-twelid ma jipprovdi ebda spazju biex jiġi ndikat kunjom it-tarbija u ma jirriżulta minn ebda ċertifikat esebit mill-attur il-kunjom Balbi la min-naħa materna u lanqas min-naħa paterna; għalhekk dan il-kunjom ma jista’ qatt ikun parti minn kunjom l-attur.

Illi l-Qorti jidhrilha li l-eċċezzjonijiet imsemmija għandhom piż notevoli; l-unika ndikazzjoni minn fejn irriżulta li l-kunjom Balbi beda jintuża mill-familja tal-attur huwa l-affidavit ta’ missier l-attur Pierre Mercieca li jgħid li nannuh kien ġie addottat minn ċertu Lorenzo Balbi u billi kunjomu kien Mercieca beda juża ż-żewġ kunjomijiet.

Illi madankollu l-Qorti fuq l-iskorta ta’ sentenza pjuttost riċenti (16 ta’ Diċembru 2003) tal-Qorti tal-Appell fl-ismijiet

**"Damian Damian-Schembri vs Direttur tar-Reġistru Pubbliku"** ma tħossx li tista' taderixxi għat-talbiet attriċi.

Illi l-ewwelnett sewwa josserva l-konvenut illi l-att tat-twelid ma jipprovdi mkien kolonna fejn jitniżżel kunjom it-tarbija għas-sempliċi raġuni illi t-tarbija tieħu kunjom missierha jew ommha skond il-każ. Għalhekk l-attur ma jistax jagħmel it-talba li qed jagħmel għaliex effettivament ikun qed ibiddel *kunjom missieru*. Kif osservat il-Qorti tal-Appell fis-sentenza imsemmija, l-Artikolu 253 (2) jirreferi għall-**isem** (u mhux kunjomu) l-attur u mhux kunjomu għas-sempliċi raġuni li *ċ-ċertifikat tat-twelid ta' persuna ma jagħtix il-kunjom ta' dik il-persuna, iżda għal dak li huwa kunjom, jagħti l-kunjom ta' missier u ta' omm dik il-persuna. Huwa biss l-isem (Christian name) li jiġi mogħti speċifikatament lill-persuna li għaliha jirreferi ċ-ċertifikat li jkun, ... U huwa proprju għax iċ-ċertifikat tat-twelid ma jattribwix 'kunjom' lit-tifel – it-tifel sempliċement jassumi l-kunjom ta' missieru (li miegħu llum jista' jżid kunjom ommu) li r-riferenza għall-isem fis-sub-artikolu (2) tal-Artikolu 253 hija neċessarjament referenza għal- prenom u mhux għal- kunjom jew 'family name'.*

Illi huwa minnu li kien hemm każi fejn il-Qorti (fuq talba tal-attur jew attriċi) awtorizzat annotazzjoni fil-marġini tal-att tat-twelid; madankollu f'din il-kawża l-attur m'għamel ebda talba simili u f'kull każ bejn il-kunjom miżjud u l-persuna li qed tagħmel it-talba irid ikun hemm ness; per eżempju jkun kunjom omm l-attur (*vide* s-sentenza **"John Zammit *sive* Zammit Pace vs Direttur tar-Reġistru Pubbliku"**, Qorti tal-Appell deċiża fit-2 ta' Marzu 1994). Din il-kawża ġiet intavolata qabel l-emendi fil-Kodiċi Ċivili li ppermettew persuna żżid kunjom ommha wkoll.

**Għal dawn il-motivi l-Qorti tiddeċiedi din il-kawża billi tilqa' t-tielet, ir-raba' u l-ħames eċċezzjoni tal-konvenut u għalhekk tiċħad it-talbiet attriċi; l-ispejjeż tal-kawża jitħallsu mill-attur.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------